FONTANA

Minuti ta` l-ewwel laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ġimgħa, 1 t`April 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | **Membri** |
| | Is-Sur Lorry Apap<br>Is-Sur Saviour Borg<br>Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Anthony Cassar<br>Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba.

Il-laqgħa nbdiet b`talba u tmexxiet mis-Sur Anthony Cassar bħala l-aktar Kunsillier anzjan. Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-ħatra tas-Sindku.

**Ħatra ta` Sindku**

Il-Kunsillier Anthony Cassar staqsa lill-Kunsillier Saviour Borg jaċċettax il-kariga ta` Sindku. Il-Kunsillier Saviour Borg aċċetta din il-kariga u għaldaqstant ġie dikjarat Sindku.

Ħatra ta` Viċi-Sindku

Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Victor Cefai jaċċettax il-kariga ta` Viċi-Sindku. Il-Kunsillier Victor Cefai aċċetta din il-kariga u għaldaqstant ġie dikjarat Viċi-Sindku.

Is-Sindku u l-Viċi-Sindku ffirmaw l-aċċettazzjoni ta` Sindku u Viċi-Sindku rispettivament. Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet lis-Sindku l-Insignia u l-*Lapel Badge*.

Is-Sindku ta merħba liż-żewġ Kunsilliera l-ġodda fil-Kunsill Lokali tal-Fontana. Is-Sindku talab il-koperazzjoni tal-Kunsilliera kollha sabiex jaħdmu flimkien għall-ġid tal-lokal u jpoġġu l-ewwel u qabel kollox l-interess tal-lokalita'. Is-Sindku awgura li dan il-Kunsill ikun suċċess.

Il-laqgħa ntemmet fil-5.00 ta` filgħaxija.  Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 18 t`April 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |